Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tat-18 ta' Frar, 2016

Appell Nru: 468/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**Alan Micallef**

***Omissis***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmi Allan Micallef detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 304775M akkuzat flimkien ma' *omissis* talli nhar l-10 ta' Ottubru, 2007 ghall-habta tat-08:00hrs gewwa triq l-Iskola, Hamrun:- 1) Ikkommettew serq ta' handbag li kien fih mobile phone tal-marka Nokia, valur madwar Lm85 kif ukoll Lm10 fi flus kontanti minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBN135 ghad-detriment ta' Caroline Fava ID.358974(M) minn B'Kara, liema serq huwa kkwalifikat, bix-xorta tal-haga misruqa; u dan bi ksur

tal-artikolu 261(g) u 271(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u 2) talli, fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer xjentament xtraw jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahlu biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar l-10 ta' Novembru, 2014, li biha wara li rat l-Artikoli 261(g), 271(g), 281(a) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputati Alan Micallef u omissis hatja tal-akkuzi ta' serq aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u kkudannathom piena ta' prigunerija ghall-perijodu ta' sena sospiza ghal tlett snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza stante li din inghatat b'mod alternattiv ghall-akkuza ta' serq.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alan Micallef, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-19 ta' Novembru, 2014, li bih talab lill-din il-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant Alan Micallef hati tal-imputazzjoni fil-konfront tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah kompletament skond il-ligi. Alternattivament, u minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, jghogobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Ikkunsidrat:

1. Illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2007 meta fl-10 t'Ottubru l-appellant flimkien ma' persuna ohra kienu intlemhu ghaddejjin proprju quddiem l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun b'*handbag* tan-nisa u appena intalbu jidhlu l-ghassa minn ufficcjal tal-pulizija minhabba li b'hekk qanqanlu suspett, dahlet mara u bdiet tghajjat li xi hadd kien serqilha l-*handbag* mill-vettura taghha li kienet halliet ipparkjata ghal ftit minuti sakemm dahlet lit-tifla taghha l-iskola. Il-basket kien ghadu intatt bl-istess affarijiet li thallew fih u filwaqt illi l-appellant isostni li kien sab il-basket ma' rota ta' vettura u kien sejjer l-ghassa biex jikkonsenjah, sid il-basket tghid li dan insterqilha minn fuq is-seat ta' quddiem tal-vettura;

2. Illi qabel ma jkunu konsiderati l-gravami mressqa mill-appellant, din il-Qorti tinnota illi wara li l-Ewwel Qorti ma sabitx htija fl-appellant dwar it-tieni imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni, ghaddiet biex tillibera sia lilu kif ukoll lill-ko-imputat. Madanakollu fil-parti konklussiva tas-sentenza taghha l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi stante li t-tieni akkuza [recte. imputazzjoni] inghatat b'mod alternattiv ghal dik ta' serq, astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha. Bid-dovut rigward, mhux korrett illi wara li tghaddi biex tillibera fuq imputazzjoni tghaddi ukoll biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess imputazzjoni. Stante li fl-ewwel lok l-Ewwel Qorti ghaddiet biex ma ssibx htija u konsegwentement lliberat lill-imputat, din il-Qorti qed tqis l-appellant kien liberat mit-tieni imputazzjoni, dik ta' ricetazzjoni;

3. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi mill-atti processwali ma hemm l-ebda prova li tista' twassal ghas-sejbien ta' htija tal-appellant. Akkluza ma' dan hemm l-argument fit-tieni aggravju li l-provi cirkostanzjali mhumhiex sufficjentement ben riflessi fil-provi migbura. Oltre dan, l-appellant jargumenta fit-tielet aggravju illi l-istqarrija u x-xhieda tal-ko-imputat ma

kellhiex tintuza bhala prova kontra l-appellant. Dawn it-tlett aggravji ghalhekk jistghu jkunu konsiderati flimkien;

4. Tajjeb li qabel kull konsiderazzjoni ohra din il-Qorti tfakkar il-monitu wisq drabi ritenut mill-Qrati taghna, illi *qua* Qorti ta' Appell Kriminali mghandhiex tiddistruba l-apprezament u l-konkluzzjoni dwar fatti raggunti mill-Ewwel Qorti hlief jekk tkun konvinta li dik l-Ewwel Qorti ma setghetx, fuq il-provi li kellha quddiemha, ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha (ara in rigward, fost skorta ta' sentenzi ohra **Il-Pulizija vs Simon Paris App. Krim., 15.7.1996**). Principju daqstant iehor importanti regolanti l-appell in mertu hu li *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzat. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmu jew ma temmnux"* (**ara Pulizija vs Joseph Thorne App. Krim., 9.0703** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qrt. Krim 19.10.2006** fost diversi ohrajn).

5. Applikati dawn il-principji ghall-kwistjoni hawn devoluta isegwi li jehtieg li jkunu ezaminati l-provi li l-Ewwel Qorti kellha quddiemha ghal konsiderazzjoni taghha. In succint, is-sekwenza tal-fatti hija s-segwenti. Il-Maggur Anthony Lia kien qieghed ifittex fejn jipparkja fejn l-ghassa tal-Hamrun biex jarraporta ghax-xoghol meta ra zewg persuni li rega lemah hekk kif dar lura lejn l-ghassa. Meta dahal l-ghassa nnota li wiehed minn dawn il-persuni, mhux l-appellant izda l-ko-imputat, kellu f'idu handbag abjad u meta staqsa x'kien dak l-oggett wiehed minnhom wiegeb li kien *handbag* tal-kugina u t-tnejn kienu arrestati mmedjatament. Dak il-hin dahlet mara tigri gewwa l-ghassa biex tirraporta li kien ghadu kemm insterqilha *handbag* mill-vettura taghha. Din xehedet quddiem l-Ewwel Qorti illi kienet ghadha kemm waqqfet l-vettura

taghha vicin l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun biex ddahhal lill-bintha l-iskola meta xi nies wissewha li xi hadd kien hadilha l-*handbag* minn gewwa l-vettura. Dan kien basket abjad kwadru u kien jikkontjeni telefon cellulari, xi muniti ta' zewg liri Maltin u xi cards ta' bank u tghid illi kienet halliet it-tieqa tal-vettura tan-naha tal-passiggier ftit mbexxqa pero' l-karozza kienet hallietha msakkra u sabitha ukoll msakkra u t-tieqa kienet imbexxqa bl-istess mod;

6. Ikkunsidrat inoltre illi l-Ewwel Qorti ghamlet referenza dettaljata ghall-dak li tipprovdi l-ligi kif ukoll il-gurisprudenza dwar stat ta' konflitt fil-provi u rreferiet ukoll ghal dak li jghidu l-awturi dwar l-provi indizzjarji u t-teorija recenti ta' *recent possession.* Ghalkemm din l-esposizzjoni tal-kwistjoni legali regolanti l-kaz kienet wahda korretta din il-Qorti tosserva illi lill-Ewwel Qorti sfuggew dettalji ta' certu importanza li bin-nuqqas ta' konsiderazzjoni taghhom waslu ghal-sejbien ta' htija kontra l-appellant. Jibda biex jinghad illi sid il-*handbag* xehedet illi kienet halliet il-vettura taghha msakkra. Dan il-fatt ma jissemmiexh fis-sunt tax-xhieda mill-Ewwel Qorti u l-okkorrenza tal-pulizija Dok RNG 1 a fol 34 tghid illi s-Sinjura Fava halliet il-vettura taghha miftuha. Diskrepanza din li certament kienet timmerita konsiderazzjoni dwar kif inhareg dan il-basket minn tieqa mbexxqa jew jekk kienx almenu plaussibbli li dan waqa' lis-Sinjura Fava waqt li kienet qed tohrog it-tifla mill-vettura taghha biex twassalha l-iskola u li b'hekk tinghata kredibilita' lill-appellant li flimkien mal-imputat l-iehor xehedu li sabu l-basket mar-rota ta' quddiem tal-vettura.

7. Diskrepanza ohra li donnha sfuggiet lill-Ewwel Qorti hija dwar ix-xhieda tal-ufficcjal tal-pulizija li l-aktar kien involut fil-kaz odjern, igifieri l-Maggur Anthony Lia li fl-ewwel deposizzjoni tieghu jghid li appena lemah lil David Ellul Lanfranco bil-*handbag* f'idu barra l-ghassa talbu jispjega ruhu u dan wiegbu li l-basket kien tal-kugina tieghu. Din il-parti tal-incident tipprospetta zewg incertezzi. F'deposizzjoni ulterjuri, l-Maggur Lia jikkoregi ruhu u jghid li l-

basket rah f'idejn l-appellant Micallef u li kien dan tal-ahhar li spjega li l-basket kien tal-kugina tieghu. Iz-zewg imputati fil-kawza appellata xehedu li l-basket kien f'idejn David Ellul Lanfranco oltre li d-domandi li saru liz-zewg suspettati waqt l-interrogazzjoni taghhom kienu fis-sens illi l-basket instab f'idejn Lanfranco. Dan il-fatt irid ikun konsiderat flimkien mad-deposizzjoni ta' PC 574 li jghid li l-Maggur Lia kien talbu jara ghaliex zewgt irgiel kienu b'*handbag* barra l-ghassa. Dan l-ufficcjal jghid li kien hu li hareg u dahhal liz-zewg persuni gewwa l-ghassa. L-Maggur Lia, izda jghid li kien hu li fil-bieb tal-ghassa lemah liz-zewg suspettati u staqsihom x'kellhom f'idejhom u dahhalhom l-ghassa. Dettall dan mhux daqstant ta' certu gravita' izda meta mehud in konsiderazzjoni mal-incertezzi l-ohra fosthom f'idejn min kien il-basket u jekk kienx minnu li s-suspettati kellhom l-intenzjoni li jikkonsenjawh lill-pulizija, allura imbaghad jassumi certu importanza li ma tistax tkun mwarrba;

8. Cirkostanza ohra li l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni kienet li David Ellul Lanfranco zamm il-basket f'idejh u mexa bih sakemm wasal quddiem l-ghassa tal-pulizija. Kif tajjeb irrelevat id-difiza fis-sottomottissjonijiet taghha, hija haga pjuttost insolita u inaspettata minn persuna li ghandha l-intenzjoni li tisraq basket u l-kontenut taghha li minflok li tiehu l-kontenut minnufih u tarmi l-basket, li f'dan il-kaz kien jikkontjeni biss tlett oggetti, zzomm l-istess f'idejha bil-kontenut intatt, fil-pubbliku u timxi bir-*res furtiva* sa bieb l-ghassa tal-pulizija. Cirkostanza din li fl-assjem tal-provi certament kienet meritevoli ta' kunsiderazzjoni;

9. Meqjusa dawn il-fatturi kollha, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment issib htija fl-appellant.

10. Ghal dawn il-motivi, u stante li mhux mehtieg li jkunu konsiderati l-aggravji u l-argumenti l-ohra tal-appellant, tilqa' t-talba tieghu, tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il parti fejn sabet lill-appellant Alan Micallef hati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena u tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mit-tieni imputazzjoni.